# Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Giovanni M Grixti LL.M., LL.D

Appell Nru. 167/2017

**Il-Pulizija**

**(Spettur Sergio Pisani)**

**vs**

**Jesmond Pulis**

Seduta tat-18 ta' Lulju, 2017

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellant, Jesmond Pulis, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 105965M quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fl-10 ta' Marzu, 2017 u fil jiem, gimghat, xhur u snin ta' qabel din id-data fl- XTC VRT station, Xagħjra Road, Zabbar u f'dawn il-Gzejjer b'diversi atti, li jiksru l-istess disposizzjoni tal-liġi, maghmulin minnu ukoll jekk fi zminijiet differenti u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda kif dedott fl-Artiklu 18 u aktar billi renda ruħu komplici fl-

akkuzi odjerni hawn taħt skond Artiklu 42 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

1. Talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi wiegħed, ta jew offra, sew b'mod dirett sew indirett, xi vantaġġ mhux xieraq lil xi persuna oħra li jasserixxi jew jikkonferma li huwa jew hija jkunu kapaċi li jagħmlu xi influwenza mhux xierqa fuq il-mod kif tiddeċiedi xi persuna li hemm imsemmija fl-artikoli preċedenti ta' dan is-subtitolu u ta' xi persuna oħra, sabiex iġiegħel lil dik il-persuna oħra teserċita dik l-influwenza, sew jekk dak il-vantaġġ mhux xieraq ikun għal dik il-persuna oħra jew għal xi ħadd ieħor, u dan bi ksur tal-artikolu 121A(1) tal-Kapitlu 9, tal-Liġijiet ta' Malta.

2. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi xjentement għamel użu minn dokument dikjarazzjoni jew ċertifikat, għamel jew ta dikjarazzjoni falza jew ċertifikat falz meta ma kienx uffiċjal jew impjegat pubbliku b'abbuż ta' awtorità, cioe certifikat tal-VRT lill-Awtorita tat-Transport u dan bi ksur talartikolu 186 tal-Kapitlu 9, tal-Liġijiet ta' Malta.

3. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, sabiex jikseb xi vantaġġ jew benefiċċju għalih innifsu jew għal ħaddieħor, f'xi dokument maħsub għal xi awtorità pubblika, xjentement għamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew ta tagħrif falz, cioe certifikat tal-VRT u dan bi ksur tal-artikolu 188 talKapitlu 9, tal-Liġijiet ta' Malta.

4. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi b'wieħed mill-mezzi msemmijin fl-artikolu 179, ghamel falsifikazzjoni fi skrittura privata li tkun tista' tagħmel ħsara lil xi persuna jew iġġib utli, cioe certifikat tal-VRT u dan bi ksur tal-artikolu 187(1) tal-Kapitlu 9, tal-Liġijiet ta' Malta.

5. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi bhala persuna li jittestja l-vetturi ma harisx, f'kull ħin, ir-regolamenti u standards li għandhom x'jaqsmu ma' testjiet li jiċċertifikaw li l-vettura hija tajba għat-triq kif stipulati f'dawn irregolamenti u approvati mill-Awtorità u dan bi ksur ta' regolament 14(1)(b) tal-Legislazzjoni Sussidjarja 65.15, tal-Liġijiet ta' Malta

6. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi bhala persuna li jittestja l-vetturi afferma riżultat pożittiv ta' test avolja dan it-test ma sehhx kompletament u dan bi ksur ta' regolament 14(1)(d) tal-Legislazzjoni Sussidjarja 65.15, tal-Liġijiet ta' Malta.

7. U aktar talli bħala operatur awtorizżat mill-Awtorità biex jopera stazzjon għat-testijiet tal-vetturi, naqas li l-vetturi li nħargilhom iċ-ċertifikat mill-istazzjon XTC Towing Services Ltd , Xagħjra Road, Zabbar kienu kompletament testjati skond il-procedurti stabbiliti mill-Awtoria' u dan bi ksur ta' regolament 19(1)(a) tal-Legislazzjoni Sussidjarja 65.15, tal-Liġijiet ta' Malta.

8. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi bhala operatur awtorizżat mill-Awtorità biex jopera stazzjon għat-testijiet tal-vetturi ma osservajtx f'kull ħin ir-regolamenti u standards dwar it-testijiet tal-vetturi biex jiżguraw li dawn huma tajba għat-triq skont dawn ir-regolamenti, u approvati mill-Awtorità u dan bi ksur ta' regolament 21(1) tal-Legislazzjoni Sussidjarja 65.15, talLiġijiet ta' Malta.

9. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi bhala operatur awtorizżat mill-Awtorità biex jopera stazzjon għat-testijiet tal-vetturi naqas li taħt l-ebda ċirkustanza, joħroġ riżultat pożittiv ta' test sakemm ma jkunx sar test komplet u l-oġġetti kollha li kellhom jiġu

ttestjati jkunu konformi mal-kundizzjonijiet u standards meħtieġa taħt dawn ir-regolamenti, jew ta' test magħmul mill-ġdid sakemm dak it-test ma jkunx komplet u l-persuna li tagħmel it-testijiet fuq ilvetturi ma tikkonfermax li t-tiswijiet meħtieġa jkunu saru u dan bi ksur ta regolament 10(1)(r) tal-Legislazzjoni Sussidjarja 65.15, tal-Liġijiet ta' Malta.

10. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi bhala operatur awtorizżat mill-Awtorità biex jopera stazzjon għat-testijiet tal-vetturi kiser il-kundizzjonijet imposti minn regolamenti 10(1)(a), 10(1)(b), 10(1)(c), 10(1)(h), 10(1)(j), 10(1)(s) u 10(1)(t) tal-Legislazzjoni Sussidjarja 65.15, tal-Liġijiet ta' Malta.

11. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi bhala prinċipal ta' kumpannija awtorizzata mill-Awtorità bl-isem ta XTC Towing Services Ltd , Xagħjra Road, Zabbar skont dawn ir-regolamenti biex jopera stazzjon għat-testijiet li tittestja l-vetturi hareg ċertifikat li jkun juri li l-vettura għaddiet mit-test meta ma tkunx ġiet ittestjata l-vettura, u dan bi ksur ta' Regolament 25(b) tal-Legislazzjoni Sussidjarja 65.15, tal-Liġijiet ta' Malta.

12. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi bhala prinċipal, li jimpjega lil xi persuna oħra whole-time, part-time jew xort'oħra b'kuntratt definit jew indefinit jew bi prova, għandha tinnotifika lill-Korporazzjoni b'dak limpieg kif hawn stabbilit dwar kull impieg u dan bi ksur ta' regolament 3(a) tal-Legislazzjoni Sussidjarja 343.23, tal-Liġijiet ta' Malta.

13. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi bhala prinċipal meta xi kuntratt ta' xogħol jintemm il-prinċipal għandu, fi żmien erbat ijiem mid-data tat-tmiem, jinnotifika lill-Korporazzjoni permezz tal-formola ta' tmiem ta' mpieg li hi speċifikata fit-Tielet Skeda, u bil-

firma tiegħu, dwar id-data tat-tmiem ta' dak ix-xogħol u dan bi ksur ta regolament 8(a) tal- Legislazzjoni Sussidjarja 343.23, tal-Liġijiet ta' Malta

14. U aktar talli sar recidiv wara li gie ikkundanat ghal reat b'diveri sentenzi moghtija mill-Qorti ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jiġu mibdula u dan ai termini tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

15. U aktar talli ksirt sentenza moghtija mill-Qorti ta' Malta, preseduta mill-Magistrat Dr. S. Demicoli LL.D nhar it-23 t'Awissu 2013 liema sentenza saret definittiva u ma tisghax tiġi mibdula

Il-Qorti kienet ukoll mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundannah ghal ħlas ta' spejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tat-30 ta' Marzu, 2017 li biha sabet lill-appellant Jesmond Pulis hati ta` l-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu u ikkundannatu ghal tlett snin prigunerija u multa ta' ghaxart elef ewro (€10,000). In oltre l-Qorti ordnat li is-sentenza moghtija kontra tieghu fit-23 ta' Awwissu 2013, fejn huwa kien kkundannat ghal sentejn prigunerija, tkun reza effettiva. Bis-sahha tal-Artikolu 25(b) tal-L.S. 65.15, il-Qorti ordnat ir-revoka ta' kull awtorizzazzjoni li Jesmond Pulis kellu sabiex jopera l-XTC VRT Station ghall-perjodu ta' hmistax-il sena;

Rat ir-rikors tal-appell tal-appellant Jesmond Pulis, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fl-10 ta' April, 2017, li permezz tieghu talab lil din il-Qorti tannulla u/jew thassar u tirrevoka s-sentenza appellata fl-

intier taghha u tpoggi lill-appellant fl-istess posizzjoni li kien fil-mument qabel ma' sarlu l-ezami minghajr gurament, u sussidjarjament jekk l-ewwel zewg aggravji ma' jkunux akkolti, tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonferma l-parti fejn huwa gie misjub hati tal-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u thassar dik il-parti fejn huwa kien ikkundannat ghal tlett snin prigunerija u multa ta' ghaxart elef ewro (€10,000) kif ukoll fejn il-Qorti ordnat li s-sentenza moghtija kontra l-imputat tat-23 ta' Awwissu, 2013, fejn huwa kien kkundannat ghal sentejn prigunerija, tibda ssehh u cioe' l-piena tas-sentejn prigunerija hemm imposti kienet reza effettiva, kif ukoll fejn ordnat ir-revoka ta' kull awtorizzazzjoni li l-hati Jesmond Pulis kellu sabiex jopera l-XTC VRT Station ghall-perjodu ta' hmistax-il sena u minflok tinfliggi piena aktar ekwa u gusta ghal kaz odjern.

Rat l-aggravji tal-appellant;

Semghet il-provi;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;

Ikkunsidrat:

1. Illi din hija sentenza dwar l-ewwel aggravju tal-appellant li jikkontendi illi l-ammissjoni tieghu quddiem l-ewwel Qorti kienet wahda vizjata ghaliex mehuda b'qerq da parti tal-prosekuzzjoni. Huwa palezi illi l-appellant tressaq b'arrest quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) biex iwiegeb ghall-imputazzjonijiet riprodotti *supra* ghal-liema ukoll ammetta b'mod inkondizzjonat u rrifjuta li jkun assistit minn avukat. L-appellant issa jikkontendi illi huwa kien indott jirregistra

ammissjoni bil-konfort li kien ser jinghata sentenza sospiza jew estensjoni ta' dik gia imposta fuqu kif ukoll, jew b'mod alternattiv, numru ta' sieghat ta' xoghol fil-komunita' u dan ghaliex il-VRT station gestita minnu baqghet topera u tohrog certifikati taht il-firma tieghu meta huwa kien assenti minn Malta. Huwa rregistra ammissjoni minghajr ma kien konsapevoli tal-ewwel imputazzjoni l-aktar gravi li kienet timporta piena ta' prigunerija fil-minimu ta' tlett snin;

2. Il-kwistjoni odjerna tinnecessita skrutinju tal-aspett pre gudizzjarju kif ukoll dak procedurali quddiem il-Qorti Istruttorja. Ghal dak li jirrigwarda l-arrest u l-interrogazzjoni tal-appellant, din il-Qorti tista' toqghod biss fuq ix-xhieda tal-appellant u tal-Ispettur investigattiv u fuq l-indizzji li jemergu mill-assjem tal-provi l-ohra. Issa, l-appellant xehed illi kien ilu msiefer erba xhur u nofs. Jumejn wara li wasal lura Malta, huwa acceda fil-Kwartieri Generali tal-Pulizija minn jeddu fuq talba tal-ispettur investigattiv li rrinfaccjah bl-allegazzjoni li kien ircieva flus biex johrog certifikati tal-VRT meta ma kienx sar test fuq il-vetturi in kwistjoni;

3. L-appellant spjega kif inghata d-dritt li jkun assistit minn avukat izda, peress illi ma kellux mezzi, talab li jkun assistit minn avukat tal-ghajnuna legali u l-ispettur infurmah li ma kienx jikwalifika ghaliex kien sid ta' kumpanija. L-ispettur accertah illi kien ser jimxi ta' ragel mieghu jekk jghid il-verita. Wara li sarulu domandi dwar li l-VRT station tieghu baqghet topera u inhargu certifikati waqt li kien imsiefer, igifieri f'dawk l-erba xhur, huwa inghata x'jifhem illi b'ammissjoni quddiem il-Qorti jew kien jinghata numru ta' sighat xoghol fil-komunita' jew is-sentenza sospiza li kellu pendenti tkun estiza ghall-zmien ulterjuri. Huwa spjega kif l-ispettur wissieh illi l-Qorti kienet ser tistaqsieh ghal darba darbtejn jekk riedx ikun assistit minn avukat u qallu biex iwiegeb fin-negattiv u jammetti. Hu kien dispost li jaghmel minn qalbu xoghol fil-komunita';

4. L-appellant jghid illi huwa qatt ma kien infurmat bl-imputazzjonijiet li kienu ser jinhargu kontra tieghu, wisq anqas li kellu

jwiegeb ghall-hmistax-il wahda u lanqas qatt ma inghata kopja taghhom. Quddiem l-ewwel Qorti, l-appellant minnufih informa lill-Magistrat tal-Ghassa illi kien ser jirregistra ammissjoni u rrifjuta li jkun assistit minn avukat. Qatt ma nqraw l-imputazzjonijiet u li l-ewwel darba li sema biex kien akkuzat kien meta inkariga avukat wara s-sentenza mertu ta' dan l-appell. Minkejja li kien imwissi mill-Magistrat tal-Ghassa illi huwa kien imputat b'reati serji xorta rregistra ammissjoni ghaliex kien konvint li kien ser jinghata sentenza sospiza jew xoghol fil-komunita' ghaliex la l-ispettur wieghedu li kien ser ikun ragel mieghu hu kien ser ikun ragel mitt darb'ohra. Notevoli ta' senjalazzjoni hi dik il-parti mid-deposizzjoni tal-appellant meta jghid testwalment a fol-126: "*Jiena l-unika kelma li ghidt dakinhar, dhalna, jitfak hemmhekk, ghidtlu jien ma rridx avukat, rega saqsieni, ghidtlu jien ma rridx avukat u ha nammetti. Dak l-unika kliem. Dak l-unika kliem li ghidt jien, Ma ghidt xejn aktar*";

5. Wara l-ghoti tas-sentenza ta' prigunerija, l-appellant ma inghatax l-informazzjoni illi kellu dritt jiffirma is-sospensjoni tal-esekuzzjoni tas-sentenza biex ikun jista' jappella;

6. Din il-Qorti semghet ukoll id-deposizzjoni tad-Deputat Registratur tal-ewwel Qorti li kkonfermat illi l-Magistrat li quddiemu tressaq l-appellant kien staqsieh jekk hux assistit u jekk riedx ikun assistit minn avukat tal-ghajuna legali izda baqa' jinsisti li ma riedx tali assistenza. Mistoqsija jekk l-imputazzjonijiet inqrawx bil-gurament skond il-procedura kien stabbilit illi dawn ma nqrawx u ttiehdu bhala moqrija. Mistoqsi x'wiegeb ghad-domanda jekk hux hati jew le, l-istess deputat tghid illi l-appellant sa minn qabel ma beda il-process, beda jiddikjara li kien ser jammetti. "*Il-Magistrat beda jghidlu ahjar ikollok avukat u nfatti beda jghidlu wkoll ntik avukat tal-ghajnuna legali, pero' baqa jghid li le u l-Magistrat kien qallu, qallu inti taf fuq x'hiex inti akkuzat?* u wiegeb , iva;

7. Anke hawn, il-Qorti thoss illi huwa mertu ta' senjalazzjoni is-segwenti bran mid-deposizzjoni tad-Deputat Registratur a fol 137:

Dif: Issa fit-trattazzjoni tal-ispettur Pisani, ghandek amment x'kienet din it-trattazzjoni? Fhiex kienet tikkonsisti? Fid-dawl li din kienet ammissjoni.

Xhud: Le beda jghid illi prattikament dwar x'hiex kienet l-akkuza, kien qal jidhirli li kien imsiefer

Dif: Kien imsiefer u baqghu johorgu t-testijiet tal-VRT, dak li beda jghid. LI l-garage tieghu, ta' Pulis, baqa' johrog VRT results minghajr ma hu kien prezenti Malta.

Xhud: Xi hadd [haga] hekk, ma niftakarx ezattament id-dettalji

8. Ix-xhud tiftakar kjarament ukoll illi "*l-Magistrat zgur kien qallu lis-sur Pulis qallu isma' din kawza illi tista' tehel habs fuqha, qallu ghandek sentenza sospiza li tista' tigi attivata, kien qallu hafna drabi ahsibha sew li trid tammetti, u baqa' sa fl-ahhar, baqa jghidlu ikun ahjar li kieku jkollok avukat u jekk trid terga' tahsibha tista terga tahsibha. Minhabba li ma kellux avukat insista hafna mieghu*". "*U qallu wkoll illi jista' jkun illi jekk irid jista' ma jammettix f'din is-seduta, jammetti f'seduta ta' wara".* Tghid ukoll ix-xhud illi meta ssejhet il-kawza tal-appellant, "*qabel ma bdiet il-kawza mill-ewwel beda jghid iva vera, vera ghamilthom l-affarijiet, sewwa qed jghidu, umbaghad bdiet il-kawza";*

9. Din il-Qorti semghet ukoll lill-Ispettur Sergio Pisani li mistoqsi ghaliex l-appellant kien daqstant insistenti li ma jkunx assistit, wiegeb illi meta kien prezentat bil-fatti, l-appellant qalilhom li jafu b'kollox u ghalhekk ma kellux ghalfejn avukat u li ibnu kien ser jiehu hsieb ihallas ghall-avukat. Jghid illi l-appellant kellu flus u kien ghadu kemm prezentalu dokumenti li waqt li kien qieghed il-Filippini kien qed jircievi bejn sitt mija u elf euro fil-gimgha minghand Stefan Zerafa. Jghid illi l-appellant inghata kopja tal-akkuzi u li insista diversi drabi, anke ghad-domandi ta' din il-Qorti, li dawn inqraw fil-Qorti, izda wara hafna u bi sforzi kbar, ikkonceda li dawn ma nqrawx wahda wahda u jinnega li qatt wieghed xi haga lill-appellant;

10. F'konfront bejn l-appellant u l-Ispettur Pisani, l-appellant jinnega li qatt qal li ibnu kien ser ihallaslu ghall-avukat u anqas biss kien jaf li kien arrestat. Filwaqt illi ikkonferma illi kien qed jircievi hames mitt ewro fil-gimgha waqt li kien il-Filippini, fejn ghandu lill-martu u ibnu, jghid illi dawn nefaqhom kollha. Jghid illi ried jammetti minnufih quddiem l-ewwel Qorti ghaliex ried johrog ta' ragel mal-ispettur la darba tah il-kelma tieghu. L-appellant jghid illi ghalkemm mal-ispettur Pisani kien hemm l-Ispettur Pierre Guido Saliba, kellu inkontri ma' Pisani wahdu qabel ma ttehditlu l-istqarrija u li kien jaf li kien ser jehel il-habs kien iqabbad avukat biex jiddefendieh;

11. F'dan il-konfront, l-Ispettur Pisani qal li kien l-appellant li beda jistaqsi x'kienu il-possibilitajiet li jinghata probation u x'kienu is-sanzjonijiet kontra l-persuni l-ohra li tressqu dwar il-kaz u huma wiegbuh li dik kienet fid-diskrezzjoni tal-Qorti. Kwantu ghall-istat finanzjarju tieghu, l-Ispettur qal illi meta arrestaw lill-appellant, dan ghadda mazz liri lill-mara tieghu fil-presenza taghhom. L-appellant jghid li dawk kienu biss zewg karti tal-hamsin euro. Huwa sostna ukoll li l-ewwel darba li sema bil-kelma "community work" kienet minghand l-ispettur u ma setghax ikun li kien jaf dwar il-persuni involuti fil-kaz ghaliex kien ilu imsiefer erba xhur il-Filippini;

12. Din il-Qorti terga tara utili riproduzzjoni testwali ta' dak li xehed l-Ispettur Pisani fil-konfront tieghu meta mistoqsi mill-Avukat Generali a fol 155:

> Pros: U fuq din il-kwistjoni, ghax din hija l-problema li ghandi, din li l-probation tigi estiza u community work, din semmiha hu jew intom tajtuh option x'jista' jinghata?
>
> Xhud: Mhux options, tajna l-process x'kien qed jigri, ma tajna l-ebda qatt options.
>
> Pros: Imma bhala community work min qalha? Inti, hu?
>
> Xhud: Issemma l-kaz ta' Seisun li kien il-bniedem li rcieva t-telefonata, persuna li marret il-garage tas-sinjur, cemplet lil dan Seisun, meta tawha t-telephone number ta' dan il-garage sabiex

jaghmel it-test dan Seisun minhabba li din il-vettura ma setghetx tmur ghand dan il-garage. **<u>Kien qed jigi deskritt il-persuna l-iehor x'ha, imma fl-ebda hin ma gew imwieghda affarijiet lis-Sur Pulis</u>**. (enfasi u sottolinear tal-Qorti).

13. L-ahhar xhud dwar dan l-incident huwa l-Ispettur Pierre Guido Saliba li kien prezenti ghall-ghoti tad-drittijiet lill-appellant qabel l-interrogazzjoni u ghall-istqarrija tieghu. Huwa jiftakar li meta wissew lill-appellant li kellu dritt jikkonsulta ma' avukat, ilmenta li ma kellux flus u ghalhekk kien avzat li jista' jibbenefika mis-servizzi tal-avukat tal-ghajnuna legali, izda rrifjuta ghaliex ma kellux x'jahbi. Meta wasal il-hin biex jitressaq, l-appellant beda jistaqsi x'ser jigri u x'ser nghamlu u jiftakru jghid id-diskors li minn hawn ghall-habs, zgur ghall-habs. L-Ispettur Saliba, izda, ma kienx prezenti fil-mument meta kienu formalizzati l-akkuzi u spjegati lill-appellant fic-cirkostanzi tal-provi u l-istqarrija. Ix-xhud jichad li fil-presenza tieghu saru xi weghdiet mill-Pulizija lill-appellant;

14. Ikkunsidrat, illi mill-assjem ta' dawn il-provi, jemergi illi meta l-appellant tressaq quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) biex iwiegeb ghall-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu huwa kien determinat illi jammetti ghall-istess minghajr ma jkun assistit minn avukat anke jekk provdut lilu a spejjez tal-Istat. Wara li huwa ammetta ghall-hmistax-il imputazzjonijiet, kompriz l-ewwel wahda li wahida ggib piena ta' prigunerija minn tlett snin sa sitt snin, u inghata piena ta' tlett snin prigunerija u kienet reza effettiva sentenza ta' prigunerija ta' sentejn sospiza, b'total ghalhekk ta' hames snin prigunerija, rrealizza li kien tradut la darba l-Ispettur Pisani kien, skond hu, accertah li jista' jehel estensjoni tas-sentenza sospiza jew xoghol fil-komunita';

15. Irid jinghad minnufih illi d-drittijiet tal-imputat jiskattaw mhux minn meta jingieb il-Qorti izda qabel dan l-istadju. Dan qed jinghad ghaliex huwa evidenti illi l-appellant prezenta ruhu propens illi jammetti minghajr ma kien jaf x'kienu l-akkuzi kontra tieghu, la inghata kopja taghhom u lanqas inqraw mill-Ispettur Prosekutur

ghaliex ittiehdu bhala moqrija. Ezami tal-istqarrija tal-appellant juri illi l-mistoqsijiet li sarulu kienu lkoll mmirati lejn l-uzu tal-VRT station tieghu minn haddiehor matul il-perjodu li fih kien imsiefer fit-tul bic-certifikati mahruga b'firma li ma kienitx tieghu izda li tixbahha. F'din l-istqarrija huwa jghid illi waqt li kien imsiefer kien halla lill-certu Steve Zerafa fl-istation sabiex kull min jigi jinfurmah illi kien imsiefer. Mkien fl-istqarrija ma tidher mistoqsija wahda dwar *trading in influence* li hija l-ewwel imputazzjoni migjuba kontra l-appellant ravvizata fl-artikolu 121A tal-Kodici Kriminali li wahidha ggib piena ta' prigunerija minn tlett snin sa sitt snin. Anke l-imputazzjonijiet ta' dikjarazzjoni falza konsistenti f'certifikati foloz tal-VRT kienet sorpriza ghalih wara li stqarr illi dawk ma hargux taht il-firma tieghu;

16. Din il-Qorti fliet l-atti processwali fid-dettall u hasbet fit-tul fuq l-allegazzjoni tal-appellant u tqis illi hemm indizzji li jippuntaw f'direzzjoni wahda. Tistaqsi din il-Qorti ghaliex l-appellant dahal b'daqshekk entuzjazmu li jammetti l-imputazzjonijiet u jirrifjuta li jkun assenjat lilu avukat tal-ghajnuna legali? Ghaliex l-Ispettur ma avzax lill-avukat tal-ghajnuna legali li kien ser jitressaq l-appellant sabiex f'kaz li jiehu l-parir ghaqli tal-Qorti jkun prezenti minnufih? Ghaliex l-appellant ma inghatax kopja tal-imputazzjonjiet; Ghaliex kien imputat b'akkuzi li qatt ma sar diskors dwarhom waqt l-istqarrija volontarja tieghu, imputazzjonijiet li jgibu maghhom piena ferm akbar minn dawk li tkellmu dwarhom? Ghaliex, minkejja li mwissi mill-Qorti li ta wahda mill-imputazzjonijiet biss jista' jehel tlett snin prigunerija u xorta wahda jsostni l-ammissjoni tieghu? Ghaliex, meta l-Qorti wissietu li jekk ser isostni l-ammissjoni tieghu ser jehel il-piena tal-habs, xorta wahda insista bl-ammissjoni? Ghaliex l-appellant, li wara li ingieb taht il-protezzjoni tal-Qorti bil-garanziji u rimedji kollha li setghet toffrilu, irrifjuta dawk il-beneficcji? Tajjeb ukoll li ssir referenza ghall-certu dettall fid-deposizzjoni tal-appellant meta jghid (fol 158) ghal-mistoqsija x'qallu ezatt l-Ispettur: "*Qalli nistghu nohorguha b'sospiza ohra gdida, qalli sentejn ghal erba' snin*";

17. Kif gia inghad *supra,* il-kwistjoni odjerna tehtieg ezami tal-*pre trial stage* kif ukoll tal-proceduri quddiem l-ewwel Qorti. Dak li sehh fil-*pre-trial stage,* u li ghalih hemm rimedji ohra, jidher li kellu effett fil-proceduri quddiem l-ewwel Qorti. Ghalkemm l-atti processwali juru illi l-ewwel Qorti ma ppekkat bl-ebda mod fir-rit procedurali , ghal dak li jirrigwarda r-rifjut tal-appellant ghall-ghajnuna legali, l-imputazzjonijiet kellhom jinqraw wahda wahda b'mod li hu jkun jista' jifhem ghal x'hiex kellu jwiegeb. Ghalkemm l-atti juru li l-Ispettur qara r-rapport tieghu bil-gurament, dan ma jirrispekkjax dak li sar fir-realta ghaliex dan ittiehed bhala moqri u ma jidhirx li kienet inghatat dik l-awtorizazzjoni da parti tal-appellant biex jitqies bhala moqri. Inoltre, sabiex ikun sodisfatt il-vot tal-artikolu 392A tal-Kodici Kriminali, jehtieg illi t-twissija solenni hemm ravvizata dwar il-konsegwenzi legali li ggib maghha dik l-ammissjoni ssir b'mod car bizzejjed biex il-Qorti taccerta ruhha li l-imputat mhux biss fehem il-minimu u l-massimu tal-piena erogabbli ghall-kull imputazzjoni izda ukoll li fehem kull wahda mill-imputazzjonijiet. Din it-twissija tassumi importanza aktar meta l-imputat ma jkunx assistit.

18. Kif gia inghad, l-ewwel Qorti ma ppekkat bl-ebda mod in rigward pero' fil-verbal taghha stess ddikjarat illi wissiet lill-imputat dwar is-serjeta' tal-akkuzi migjuba kontra tieghu u jekk jibqa' jinsisti dwar l-ammissjoni tieghu hija marbuta bil-ligi li tghaddi ghas-sentenza. Din il-Qorti tifhem u taprezza l-volum u il-portata tax-xoghol quddiem il-Qorti tal-Magistrati sia bhala Qorti Istruttorja kif ukoll ta' Gudikatura Kriminali u li hafna sitwazzjonijiet jirrikjedu hafna hin. Huwa ghalhekk desiderabbli, u dan minghajr ebda riflessjoni fuq l-operat tal-ewwel Qorti li, anzi imxiet b'mod ezemplari fil-kaz odjern, illi sabiex ikun sodisfatt il-vot ex artikolu 392A u 519 tal-Kodici Kriminali tkun addottata procedura li tassikura li l-akkuzat quddiemha ikun verament tqieghed taht il-protezzjoni li taghtih il-ligi. Meta l-akkuzat jammetti fi stadju ikun xi jkun tal-proceduri u l-Qorti <u>fattwalment</u> tissospendi biex taghtih zmien jikkontempla sew dik id-dikjarazzjoni, u

wara illi terga ssejjah il-kumpilazzjoni jew il-kawza, skond il-kaz, hija ghandha l-ewwel tistaqsih jekk inghatax zmien sufficjenti biex jikkontempla id-dikjarazzjoni tieghu; jekk fehemx l-imputazzjonijiet kollha u jekk jafx x'inhi il-piena ghall-kull wahda mill-imputazzjonijiet. Il-Qorti imbaghad timxi skond ir-risposta ghall-kull wahda minn dawn il-mistoqsijiet;

19. Fil-kaz odjern, anke jekk ma hemmx prova diretta, jidher li l-appellant inghata x'jifhem mill-ufficcjal investigattiv illi ammissjoni tal-imputazzjonijiet <u>li tkellmu dwarhom</u> kienet ser tissarraf f'estensjoni tas-sentenza sospiza gia mposta fuqu jew f'xoghol fil-komunita' meta dan qatt ma seta kien il-kaz la darba kien imputat ukoll bl-addebitu tar-recidiva. Konsegwenza ta' dan, meta tressaq quddiem l-ewwel Qorti, ma kienx jaf biex kien imputat ghaliex l-Ispettur Prosekutur ma qarax l-imputazzjonijiet kif titlob il-ligi u l-appellant rrifjuta assistenza legali minhabba dak li inghata x'jifhem mill-prosekuzzjoni;

20. Din il-Qorti tosserva ukoll, kif tajjeb rrimarka l-Avukat Generali fis-sottomissjonijiet tieghu, illi apparti n-nuqqas tal-ewwel Qorti li taccerta li jinqraw l-imputazzjonijiet kollha fil-bidu tal-kumpilazzjoni, wara l-kundanna tal-appellant huwa ma kienx infurmat illi seta jitlob, anke bil-fomm, is-sospensjoni tal-eseskuzzjoni tas-sentenza. Din il-Qorti hi tal-fehma illi la darba l-kawza ghadha ma ghaddietx in gudikat, kien l-obbligu tal-ewwel Qorti ukoll fit-termini tal-artikolu 519 illi twissi lill-appellant bid-dritt tieghu, aktar u aktar meta ma kienx assistit, illi seta jitlob u jiffirma ghal-tali sospensjoni. Il-Qorti thoss li ghandha taghmel din l-osservazzjoni anke jekk tali nuqqas ma jgib mieghu ebda konsegwenza fis-sentenza tal-ewwel Qorti;

21. Ghal dawn ir-ragunijiet, tilqa' l-ewwel talba u tannulla s-sentenza appellata u filwaqt illi tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tieni talba, tordna li l-appellant jitqieghed fil-posizzjoni li kien immedjatament qabel l-ammissjoni tieghu quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) u jerga' jsir l-ezami tieghu mill-gdid skond il-ligi u l-kawza kontra tieghu

titkompla u tkun deciza skond il-ligi; tibghat l-atti lura lill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali sabiex din tkompli tisma' l-kaz skont il-ligi.